MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 89/2011

**Sandra Grech**

**vs**

**Rodrick Cauchi**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Marzu 2011 fejn l-attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett elef sitt mija w hamsin Ewro (€3,650 ) rapprezentanti din is-somma  in kwantu ghal tlett elef u hames mitt Ewro (€3500) flus mislufa mill-attrici lill-konvenut f'Ottubru 2008 kif konfermat bi skrittura iffirmata mill-partijiet fis-6 ta' Marzu 2009 u in kwantu ghal mija w hamsin Ewro (€150) rapprezentanti flus mahruga mill-attrici biex inxtraw rigali tal-familja tal-konvenut fl-okkazzzjoni tal-maghmudija taz-zewg minuti tal-partijiet.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra intepellatorja tal-1 ta' Marzu 2011 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Mark Dimech datata 7 ta' April 2011 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici (fol. 4 tergo ).

Rat illi fis-seduta tas-7 ta Lulju 2011 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx la biex jikkontesta t-talba attrici w lanqas ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi l-avukat difensur tal-attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tas-7 ta' Lulju 2011.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef sitt mija w hamsin Ewro (€3,650) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------